

uhm

VOICE OF THE WORKERS

# Proposti għall-*Budget* 2020

www.uhm.org.mt

**“Jidher li *Budget*.**

**Fih ħafna numri”**

**- George W. Bush**

uhm

VOICE OF THE WORKERS

Budget 2020

# Daħla




Pajjiżna għandu ħtieġa kbira ta' pjan fit-tul. Jeħtieġ li jitqiesu, bir-reqqa, l-effetti tal-kwistjonijiet prinċipali li qed jagħmlu pressjoni fuq il-ħaddiema u l-familji tagħhom. Insemmi ż-żieda fuq il-prezzijiet, fuq il-kirjiet, fuq il-proprjetà, it-traffiku, il-bini sfrenat u l-konsegwenzi tiegħu fuq il-komunitajiet kif ukoll iż-żieda fil-preżenza ta' ħaddiema barranin li qed taffettwa l-pagi tal-ħaddiema Maltin.

Malta teħtieġ ukoll ittejjeb il-viżjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ taż-żgħażagħ u l-ħaddiema ħalli dawn jitħejjew għal opportunitajiet ġodda u jagħmlu qabża fil-kwalità tax-xogħol tagħhom. Bl-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-ħaddiema ma jitħallewx jaqgħu f'impjiegi li ma jrendux dħul sodisfaċenti.

Għaldaqstant il-UĦM *Voice of the Workers* ħarġet b'ħemel ta' proposti li jagħtu alternattivi lill-Gvern fit-twettiq tal-politika tiegħu - proposti li jagħtu iżjed inċentivi lill-ħaddiema biex ikollhom kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar u proposti li jaspiraw għajxien aħjar lill-anzjani sabiex ikollhom pensjoni adekwata u sostenibbli.

Din il-*union* temmen li l-ġid li jinħoloq mill-membri tas-soċjetà irid jasal għand kulħadd. Gvern li kien tela' bl-għajta li jaf jisma' għandu jifhem u jagħti kas ta' dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli. Għandu jinvesti bil-kbir fis-saħħa mentali, jagħti l-wens lil dawk li jbatu minn xi diżabbiltà, jara li kulħadd ikollu saqaf fuq rasu bi prezz raġonevoli u jifhem il-faqar ġdid bħall-faqar tal-ħaddiema b'pagi baxxi.

Barra minn hekk, soċjetà mhux veru tkun qed toħloq il-ġid jekk tkun qed teqred l-ambjent għaċ-ċittadini tagħha tal-lum u tal-futur. Għalhekk, il-UĦM *Voice of the Workers* trid tara li l-pajjiż jitħalla sabiħ u nadif għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni; trid tara wkoll sistema ta' trasport effiċjenti biex ma nibqgħux fost l-agħar fl-Ewropa fit-tniġġis.

Fuq kollox din il-*union* tixtieq tara politika moderna u intelliġenti li tabilħaqq isseddaq id-dħul tal-ħaddiema u l-familji tagħhom kif ukoll il-kwalità tal-ħajja.

Għalhekk nittama li dan il-*Budget* ma jkunx eżerċizzju ta' numri imma tfassil ta' politika għat-tfal, għaż-żgħażagħ, għall-ħaddiema, għall-pensjonanti u għall-ambjent ta' madwarna.

Josef Vella - Kap Eżekuttiv
UĦM Voice of the Workers

Budget 2020



# Werrej

1 Ġlieda kontra l-prekarjat ........ 1-2
2 Xogħol ........ 3-4
3 Sahra ........ 5-6
4 Impjegati tal-Gvern ........ 7-8
5 Fond għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani ........ 9-10
6 Sħubija f'*union* għal ħaddiema bi dħul baxx ........ 11-12
7 Taxxa ........ 13-14
8 *Tax Credits* ........ 15-16
9 Proprjetà ........ 17-20
10 *Housing* u skemi ta' benefiċċji soċjali ........ 21-22
11 Self mill-banek fuq id-djar ........ 23-24
12 Dawl u ilma ........ 25-26
13 Trasport ........ 27-28
14 Edukazzjoni ........ 29-30
15 Pensjonijiet ........ 31-34
16 Familja ........ 35-36
17 Persuni b'diżabbiltà ........ 37-38
18 Ambjent ........ 39-40
19 Mediċini ........ 41-42
20 Saħħa ........ 43-44
21 Sport ........ 45-46



# 1

# Ġlieda kontra l-prekarjat

Kull impjieg għandu jsir permezz ta' kuntratt ta' xogħol bil-miktub li jkun aċċessibbli mill-portal tal-Jobs+. Tali kuntratti jkunu jistgħu jiġu mibdula skont l-impjieg (minn diversi *templates*) iżda l-kundizzjonijiet stipulati bil-liġi ma jistgħux jiġu mnaqqsa jew imneħħija.

Dan ifisser li kull impjegat ikollu kuntratt tax-xogħol bil-miktub u li tingħata kopja lil Jobs+ meta ssir ir-reġistrazzjoni tal-impjieg. Din il-miżura tnaqqas ħafna abbużi.





# 2

# Xogħol

1. *Sick leave* li ma jkunx ġie utilizzat jista' jintuża f'każ ta' mard serju. Dan ifisser li wieħed jibqa' jirċievi kumpens mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Barra minn hekk, qed ikun propost li jsir l-użu tas-*sick leave* meta t-tfal ikunu morda u l-ġenituri jaħdmu t-tnejn;

2. Il-Ħdud jitħallsu b'rata doppja;

3. *L-Injury leave* jiġi estiż għal perjodu massimu ta' sentejn u li l-benefiċċji għandhom jinkludu l-paga u l-benefiċċji l-oħra kollha relatati mal-impjieg (*fixed allowances*) kif ukoll ħlas relatat mal-kura u mediċini. Tali ħlasijiet għandhom jingħataw minn fond maħluq apposta u amministrat mit-*trade unions*;

4. *Equal pay for equal work*. Ħaddiema tal-kuntrattur li jkunu assenjati biex iwettqu dmirijiethom fuq post tax-xogħol għandhom jingħataw l-istess ħlas bħal dawk li huma impjegati mal-post tax-xogħol. Ħaddiema tal-kuntrattur ukoll ikunu intitolati għall-*increments*/żidiet, *progressions*, *automatic promotions* kif ukoll ħlasijiet marbutin ma' tali xogħol skont kif ikun stipulat fil-ftehim kollettiv tal-post tax-xogħol fejn qed iwettqu dmirijiethom;

5. Sabiex jinħoloq aktar bilanċ fid-dinja tax-xogħol bejn is-sessi, ikun opportun li ż-żmien ta' servizz jibqa' jgħodd b'mod sħiħ f'każ li impjegat jieħu miżuri bħal *parental leave* kif ukoll *reduced hours*;

6. Ix-xogħol *part-time* jkun intaxxat bir-rata ta' 10 fil-mija flok bil-15 fil-mija.



# 3

## Sahra

1 Il-ħlas tas-sahra jkun intaxxat bir-rata massima ta' 10 fil-mija tal-*withholding tax*. Dan biex ikun hemm inċentiv għal dawk il-ħaddiema li jaħdmu sigħat żejda biex itaffu l-piżijiet finanzjarji tagħhom. Din il-proposta qed tkun issuġġerita sabiex tkun pari passu mal-10 fil-mija *withholding tax* intaxxat fuq ix-xogħol *part-time* kif propost minn dinil-*union*. Eżempju – jekk impjegat jaqla' dħul gross ta' €28,000 fis-sena (rata singola) liminnu €5,000 huma sahra, it-taxxa dovuta tkun kif ġej: €28,000 x 25 fil-mija u minn dan l-ammont jitnaqqas €2,725, jiġifieri €4,275 fis-sena. B'din il-proposta ssuġġerita minn din il-*union*, il-komputazzjoni tkun €28,000 u minn dan l-ammont titnaqqas is-sahra  ta' €5,000, jiġifieri €23,000. It-taxxa dovuta tkun kif ġej: €23,000 x 25 fil-mija u mir-riżultat jitnaqqsu €2,725, jiġifieri €3,025 fis-sena + €5,000 (ħlas tas-sahra) fuq ir-rata ta' 15 fil-mija, jiġifieri €750 fis-sena. Għalhekk il-ħlas totali tat-taxxa jkun €3025 + €750 = €3,775. Jiġifieri l-impjegat iħallas €3,775 flok €4,275;

2 Dwar sahra fuq *security* ma' kumpaniji privati, filwaqt li l-Gvern irranġa din il-proċedura meta kuntratt isir ma' entità pubblika, xorta waħda għadhom qed isiru abbużi ma' impjegati fil-kamp tas-sigurtà li jiġu reġistrati ma' kumpanija oħra *sub-contracted* biex is-sahra tingħata b'rata inqas minn x 1.5.





4

# Impjegati tal-Gvern

1. Il-*Vacation leave* kollu jista' jittieħed bis-sigħat, l-inqas minimu ta' siegħa. B'hekk jinħoloq aktar bilanċ bejn il-ħajja privata u dik tax-xogħol;

2. Ħaddiema b'kuntratt definit u li għandhom *objective reason* jingħataw opportunità li jikkontestaw tali *objective reason* u jekk jirriżulta li m'hix ġustifikata dawn jingħataw ħatra permanenti;

3. Il-miżuri kollha favur il-familja jibqgħu jiġu onorati f'każ li persuna tiċċaqlaq minn post għal ieħor anki f'każ ta' promozzjoni;

4. L-*allowances* kollha relatati mal-impjieg jibqgħu jitħallsu waqt is-*sick leave* kollu u mhux jinqatgħu wara 15-il ġurnata *sick* meta l-ħaddiema għandhom 30 ġurnata *sick on full pay*.





# 5

# Fond għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani

Għandu jiġi mwaqqaf fond apposta li jagħmel tajjeb għall-investiment fir-riżorsi umani fid-dinja tax-xogħol f'Malta.  Tali fond ikun amministrat mill-korpi kostitwiti u jiffoka l-aktar fuq ir-riċerka, it-taħriġ u l-iżvilupp kontinwu. Ir-riċerka tgħin sabiex  ikun hemm informazzjoni meta wieħed jiġi biex ifassal u jimplimenta l-*Active Labour Market Policy*, i.e., Jobs +.  Barra minn hekk, tali fond ikun iffinanzjat billi tinżamm, minn kull impjegat, l-ekwivalenti tal-miżata ta' sħubija fi *trade union*.  Bla dubju din il-proposta tapplika fejn l-impjegat mhux imsieħeb fi *trade union*.





6

# Sħubija f'*union* għal ħaddiema bi dħul baxx

Huwa fatt li l-aktar abbuż minn kundizzjonijiet tax-xogħol isir ma' ħaddiema li għandhom dħul baxx. Għaldaqstant qed issir proposta biex dawn il-ħaddiema, f'oqsma bħall-kostruzzjoni, jkollhom obbligu ta' sħubija ma' *union*, u b'hekk id-drittijiet tagħhom fil-post tax-xogħol jiġu protetti. Din il-proposta tapplika għall-ħaddiema bi dħul ta' mhux aktar minn €25,000.





# 7

# Taxxa

1 Ma titħallasx taxxa fuq proprjetà li tiġi minn wirt anke mhux minn ġenituri jekk il-werrieta jkunu l-aktar qraba viċin li jeżistu fl-arblu tal-familja (eż: eżenzjoni mit-taxxa lin-neputijiet f'każ li m'hemmx ulied u aħwa);

2 Ikun hemm aġġustament fl-*income tax bands* għal dħul taxxabbli fl-ewwel linja tat-tabelli għal persuni li għalihom japplikaw is-*single*, *married* jew *parent rates* skont is-sena bażi 2019. Għalhekk id-dħul taxxabbli għal *single* jibda minn €10,001 minflok €9,101; għal *married* jibda minn €13,701 u fil-każ ta' *parent rate* jibda minn €11,501. B'hekk persuni bi dħul baxx ikunu aġevolati;

3 Għandha tiżdied it-taxxa fuq karozzi lussużi li jikkonsmaw ammonti eċċessivi ta' *fuel*;

4 Jekk l-UE bi ħsiebha ddaħħal taxxa komuni fuq kumpaniji, hu neċessarju li pajjiżna jibda jaħseb fuq arranġament alternattiv li jkun konformi mar-regoli tal-Unjoni Ewropea. Hu fl-interess bħala *union* li pajjiżna jattira investiment produttiv u nemmnu li pajjiż li jinsab fil-periferija jeħtieġ ikollu politika ta' tassazzjoni vantaġġjuża u dan sabiex ikollna ħolqien ta' xogħol ta' kwalità u mhux xogħol prekarju.





8

# Tax Credits

1 Jingħata *tax credit* kull sena għal dawk l-impjegati li jkunu temmew b'suċċess kors akkreditat fil-livelli kollha. Dan l-inċentiv ikun miftuħ għall-etajiet kollha (preżentament huma eliġibbli dawk il-kandidati sa 40 sena u jkunu kisbu riżultat sa *Masters*);

2 Jingħata *tax credit* kull sena lil dawk il-persuni li jkollhom assigurazzjoni tas-saħħa. Dan sabiex wieħed jippromwovi ċ-*check-ups* favur is-saħħa;

3 Jingħata *tax credit* lil dawk il-persuni li jkollhom sħubija f'*fitness centre* jew ikunu involuti f'xi dixxiplina sportiva. Dan sabiex jinkoraġġixxi l-ħarsien tas-saħħa għal numru akbar ta' nies;

4 *Tax credits* lil kumpaniji li jinvestu fit-teknoloġija sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jaħdmu mid-dar skont ftehim ma' min iħaddem.



# 9.1

# Proprjetà



1. *First time buyers* ma jħallsux għall-installazzjoni tal-*meters* ġodda tad-dawl u l-ilma;

2. Fl-iskema *first time buyers* jiġi estiż il-*capping* minn €150,000 għal €250,000 u japplika wkoll għal *second time buyers* li ma jkunux ibbenifikaw minn tali skema u li jixtru proprjetà residenzjali għax ikunu biegħu li kellhom;

3. Tali skema tkun applikabbli għal xiri ta' proprjetà li tgħix fiha biss u ma tinkludix min ikun xtara xi garaxx jew saħansitra anki jekk xtara qabar tal-familja;

4. *First time buyers*, kemm jekk ikunu koppja jew persuna *single*, it-tnejn ikunu eżenti mill-istess ammont ta' taxxa;

5. Kwalunkwe bejgħ offrut lix-xerrej irid ikollu prezz determinat u indikat permezz ta' *portal* u dan sabiex min se jixtri jkun jaf eżatt il-prezz u b'hekk is-sussidji, bħall-iskema tal-*first time buyer*, ma tkunx abbużata. Din il-*union* qed tipproponi wkoll li jkun hemm gwida ta' prezzijiet ta' kull proprjetà għall-bejgħ abbażi tal-lokalità kif ukoll it-tip ta' proprjetà;

6. Ġuvni jew tfajla li jitolbu sussidju biex jakkwistaw dar, jingħata/tingħata €2,300. Koppja għarajjes tingħata €4,600. Din ma tagħmilx sens speċjalment meta n-numru ta' persuni li jgħixu waħedhom qed jiżdied. Jekk, per eżempju, ġuvni jew tfajla li jaqla'/taqla' €1,500 fix-xahar jixtri/tixtri appartament li jiswa €175,000 u biex dan jiġi attrezzat iridu jintefqu bejn €8,000 u €9,000 jingħata sussidju ta' €2,300. Min-naħa l-oħra koppja għarajjes li tixtri appartament bl-istess prezz u biex tattrezzah trid tonfoq l-istess ammont, jiġifieri bejn €8,000 u €9,000 meta l-koppja bejniethom jaqilgħu €3,000 fix-xahar, jingħata sussidju ta' €4,600. Din mhix kunsidrata ġusta għax min għandu dħul għoli jingħata aktar minn dak li jaqla' inqas. Dan filwaqt li l-*loan* li jħallsu hija indaqs, madwar €600 fix-xahar. Qed ikun issuġġerit li s-sussidju biex wieħed jimla daru għandu jkun indaqs, almenu mhux inqas minn €4,000;



# 9.2

# Proprjetà

7 F'każ ta' koppji li jkunu sseparaw u ma jkunux f'pożizzjoni li jħallsu 10 fil-mija tal-proprjetà residenzjali l-ġdida, il-Gvern għandu jagħmel tajjeb għall-garanzija bankarja kif ukoll ikun hemm rata ta' imgħax issussidjata. Tali self m'għandu jkollu ebda impatt fuq it-titolu tal-imsemmija proprjetà;

8 Għandha tiġi introdotta taxxa addizzjonali fis-sena għall-proprjetà li tkun għolja 'l fuq minn ħames sulari. Din it-taxxa għandha tiżdied ma' kull sular addizzjonali. Fid-dawl li qed jingħataw iżjed permessi għal aktar sulari, il-Gvern għandu jara x'miżuri jrid jieħu sabiex il-komunitajiet milquta ma jintlaqtux ħażin b'dawn id-deċiżjonijiet;

9 Jekk dar li tinbiegħ, bħal *terraced house*, taqa' u minflokha titla' binja b'numru ta' appartamenti, irid ikun obbligu li jkun hemm spazju għall-parkeġġ għal kull appartament;

10 Kirjiet ta' proprjetà għandhom jiġu stabiliti permezz ta' awtorità regolatorja sabiex jinħolqu *standards* dwar kif jiġu amministrati l-kirjiet, fosthom l-ammont ta' persuni fil-post mikri għal kull kamra tas-sodda fil-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar. Tali miżura ġġib ġustizzja, kemm mal-persuni li jikru biex ma jsirx abbuż fuqhom, kif ukoll trattament ugwali bejn il-kerrejja nfushom;

11 Il-bejgħ ta' proprjetajiet, li jkunu battala għal aktar minn ħames snin, ma jkunx intaxxat. Xerrejja ta' proprjetà battala wkoll ma jħallsux taxxa. Din il-miżura jrid ikollha data ta' skadenza sabiex l-abbuż ikun evitat. Tali miżura tkun ukoll *ringfenced* ħalli ma jsir ebda żvilupp ieħor;

12 Tisħiħ fl-OHSA u aktar infurzar fl-operat tal-kuntratturi. Qabel ma jingħataw l-permessi meħtieġa, il-partijiet interessati fl-iżvilupp ma jkunux jistgħu jibnu. Dan fid-dawl tan-numru ta' inċidenti fil-kollass ta' binjiet li kellna dan l-aħħar;

13 Multi, li jingħataw lil min imur kontra r-regolamenti tal-kostruzzjoni, għandhom imorru f'fond sabiex ikunu kumpensati l-vittmi ta' min ikun ġarrab ħsarat jew twaqqigħ fil-proprjetà tiegħu kawża ta' negliġenza minn min kien responsabbli mill-iżvilupp.



# 10

# *Housing* u skemi ta' benefiċċji soċjali

1 Huwa importanti li s-settur tal-*Housing*, peress li hu wieħed soċjali, m'għandux jibqa' jiġi ddettat mill-forzi tas-suq. Teħtieġ rieda politika li twassal għal prezzijiet iktar affordabbli. Din tirrekjedi kontinwazzjoni aktar tas-sussidji fuq self għal xiri tal-ewwel dar u iktar *housing* soċjali affordabbli ipprovdut mill-istat. Għandu jkun hemm proposti favur għajnuniet finanzjarji lil min se jixtri l-ewwel dar u lil min qiegħed jaffaċċja problemi ekonomiċi, bħal telf ta' impjieg jew dħul fl-età pensjonabbli;

2 Għandhom isiru reviżjonijiet tal-iskemi/benefiċċji soċjali b'tali mod li jirriflettu l-prezzijiet, l-infiq u l-valur tal-proprjetà tal-lum.





# 11

## Self mill-banek fuq id-djar

1. Il-Gvern għandu jivvota ammont ta' flus biex jiġu mislufa b'imgħax baxx, eżempju ta' 1.5 fil-mija, lil dawk l-għarajjes li għandhom dħul totali ta' mhux aktar minn €25,000 u fejn il-valur tal-proprjetà li jridu jakkwistaw ma jkunx aktar minn €250,000;

2. Min għandu *loan* fuq id-dar residenzjali tiegħu, is-self għandu jkun eżentat mit-taxxi.





# 12

## Dawl u ilma

1. Riforma sħiħa dwar kif joħroġ il-kont tad-dawl u tal-ilma. Il-kont għandu jinħadem b'tali mod illi l-prezz tad-dawl u l-ilma jkun skont il-ligi li tagħti kwantità ta' dawl u ilma b'rati baxxi lill-konsumatur. Din il-kwantità, jew kwota, għandha titgawda kollha mill-konsumatur qabel ma dan jeħel rati ogħla. Fil-preżent il-kwantità qed tinqasam fuq sitt kontijiet u dan qed jirriżulta f'telf għall-konsumatur. Dan għaliex meta l-konsumatur jaqbeż il-kwantità/kwota allokata għal perjodi qed iħallas b'rati ogħla. Iżda meta l-kwantità ma tinqabiżx, il-konsumatur qed jitlifha. Minflok għandu jsir rendikont sabiex dak li hu tal-konsumatur bil-liġi, jiġifieri kwantità fis-sena, igawdih kollu kemm hu;

2. Għandu jsir studju biex jindaga jekk il-konsumaturi humiex jifhmu l-kont - x'aktarx li le. Dan għandu jiġi simplifikat;

3. Għandu jkun hemm possibbiltà ta' medjazzjoni sabiex il-konsumatur qatt ma jsib ruħu f'sitwazzjoni fejn irid iħallas bilfors għax inkella jispiċċa bla dawl u bla ilma.




GOZO CHANNEL LINE
arkadia
food | fashion | home
arkadia
MALITA
VALLETTA

# 13

# Trasport

1 Wara diversi miżuri li nħarġu biex jingħata trasport pubbliku b'xejn lil ċertu setturi fis-soċjetà, ikun opportun li t-trasport pubbliku b'xejn jingħata lill-ħaddiema sabiex imorru u jiġu mill-post tax-xogħol tagħhom;

2 Impjegati jew *employers* li jorganizzaw trasport għall-ħaddiema għandhom jingħataw rifużjoni ta' tali spejjeż;

3 Ikun hemm *fast ferry* għall-passiġġieri biss minn Għawdex għal Tas-Sliema, il-Belt Vallettau l-Birgu;

4 Ikun hemm trasport alternattiv li jilħaq lir-residenti kollha. Għandu jsir studju dettaljat sabiex infrastruttura, bħal sistema ta' metro, tkun f'aktar minn direzzjoni waħda;

5 Vetturi li huma reġistrati bi pjanċi ta' reġistrazzjoni ħomor għandhom iħallsu l-liċenzja annwali b'mod pro-rata tal-*weekends* u festi pubbliċi. Dan ifisser li dawn il-vetturi jħallsu terz tal-liċenzja tal-istess vettura li għandha pjanċi ta' reġistrazzjoni normali;

6 Tingħata opportunità lil dawk il-karozzi diġà reġistrati, kemm b'liċenzja valida jew garaxxjati, li jistgħu jħallsu liċenzja mnaqqsa ta' 30 fil-mija, jekk jintużaw fil-*weekends* u festi pubbliċi biss. Din mhix offruta llum għajr għal karozzi li jkunu se jiġu reġistrati f'Malta għall-ewwel darba. (Din popolari ħafna mad-dilettanti tal-karozzi għax ħafna vetturi qed jispiċċaw garaxxjati);

7 Kull persuna li tagħżel li tbiddel vettura antika u minflokha tixtri mutur elettriku jew inkella vettura b'ċilindrata ta' 125cc jew anqas, għandu jingħata *voucher* ta' €2,500;

8 Irid isir reġistru fejn id-*dealer* ta' karozzi *second hand* jiddikjara kemm il-karozza għandu għall-bejgħ. Dan sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti li joqogħdu fejn id-*dealers*. Kull *dealer* irid ikollu spazji għall-parkeġġ daqskemm għandu karozzi għall-bejgħ;

9 Għandu jiżdied l-infurzar tal-liġijiet eżistenti fil-qasam ta' trasport inkluż id-dritt għall-parkeġġ residenzjali;

10 L-iskema *Tal-Linja Card* tkun bla ħlas għal kulħadd.



14

# Edukazzjoni

1. Il-*Breakfast Club* jibda jiftaħ fis-6.30 a.m. għal dawk il-ġenituri li jibdew xogħol kmieni;

2. Il-Klabb 3-16 ikun b'xejn għal dawk il-ġenituri li jaħdmu u jibqà miftuħ wara li tispiċċa l-iskola rrispettivament jekk l-istudent imurx skola tal-Gvern, tal-Privat jew tal-Knisja;

3. Ikun hawn *high functional resource school* addattata għal persuni bi bżonnijiet speċjali li jkollhom *challenging behaviour* u nkunu ċerti li dawn il-persuni b'diżabbiltà ma jiġux imkeċċija kif jagħlqu s-16-il sena;

4. Bħalma diġà ġiet imħaddma s-sistema tal-eżamijiet tal-MATSEC fil-Livell Ordinarju li saru bla ħlas, din l-istess inizjattiva tiġi estiża wkoll għall-eżamijiet f'Livell Avvanzat;

5. L-istudenti kollha sa livell sekondarju jingħataw skema ta' qari *online* b'xejn;

6. Bħalma jissussidja għalliema kurrikulari, il-Gvern għandu wkoll jissussidja għalliema extra kurrikulari fl-iskejjel tal-Knisja u tal-Privat;

7. *Internet* b'xejn iżda b'aċċess regolat għal dawk ir-residenzi bi tfal li jattendu skejjel primarji u sekondarji. Dan sabiex aktar nies ikunu jafu jħaddmu t-teknoloġija u biex jiżdied l-użu regolat tal-*internet*.





# 15.1

## Pensjonijiet

1. Ħaddiema li jaqilgħu paga aktar minn dik li fuqha hu maħdum il-*capping* għall-pensjoni għandhom jingħataw l-opportunità li titħallas il-bolla fuq il-kumplament tas-salarju tagħhom u li b'hekk igawdu pensjoni ta' 2/3 tad-dħul li jkunu daħlu. F'dan il-każ, il-capping ma jiġix applikat;

2. Il-pensjonanti jibdew jingħataw il-bonus sħiħ ta' Marzu u ta' Settembru;

3. Jiżdied l-*bonus* għall-anzjani minn 75 sena 'l fuq u li jkunu għadhom jgħixu fid-dar tagħhom;

4. Id-dritt għall-impjegati biex jestendu l-impjieg tagħhom sa tmiem is-sena meta jilħqu l-età tal-irtirar. Permezz ta' din l-inizjattiva l-impjegati jkunu ħallsu l-bolla kollha tas-sena u b'hekk il-pensjoni tkun aħjar;

5. Bżonn li tiddaħħal il-Pensjoni tat-Tieni Pilastru. Din it-tip ta' pensjoni tissupplimenta d-dħul għal dawk li jiddependu biss mill-pensjoni tal-Ewwel Pilastru f'sitwazzjoni fejn il-*capping* qed tillimita l-pensjoni ta' numru kbir ta' ħaddiema. Nipproponu li pensjoni tat-Tieni Pilastru tiddaħħal b'mod volontarju u l-aktar fejn jeżisti ftehim kollettiv;

6. Dwar il-pensjonanti preżenti, irid isir studju biex jiddetermina kemm għandha tkun il-pensjoni minima. B'hekk inkunu nafu b'mod xjentifiku kemm għandha tkun din il-pensjoni biex il-pensjonanti jlaħħqu mal-ħajja;

7. Il-parti kommutata ta' pensjoni tas-servizz m'għandhiex tibqa' tiġi kunsidrata għal skopijiet ta' tnaqqis mill-Pensjoni taż-Żewġ Terzi meta persuna jkollha aktar minn 65 sena u tirtira mis-servizz. Din il-miżura diġà ilha applikabbli sa mill-1997 meta l-liġi pprovdiet li f'każ fejn pensjoni tas-servizz tkun kommutata b'mod sħiħ mal-irtirar, din m'għandhiex tiġi mnaqqsa u l-pensjonant huwa intitolat għar-rata sħiħa tal-Pensjoni taż-Żewġ Terzi. Dwar il-parti mhux kommutata, il-prassi preżenti li jitnaqqsu €200 kull sena għandha tiżdied għal €400 f'kull *budget*. Fl-età ta' 72 sena, pensjoni tas-servizz m'għandhiex tibqa' tiġi kunsidrata u titnaqqas mill-Pensjoni taż-Żewġ Terzi u b'hekk il-pensjonanti jkunu intitolati għar-rata sħiħa tal-pensjoni.



# 15.2

## Pensjonijiet

8 Il-*Maximum Pensionable Income*. Il-MPI ta' pensjonanti li jaqgħu f'Kategorija B għandu jissaħħaħ. Huwa inaċċettabbli li pensjonanti li ħallsu r-rata massima ta' kontribuzzjonijiet skont il-liġi meta kienu jaħdmu, huma trattati differenti minħabba d-data tat-twelid tagħhom. Għandu jkun enfasizzat li hemm differenza ta' €70 fil-ġimgħa fir-rata tal-pensjoni bejn Kategorija A u Kategorija B. Qed ikun propost li wara 40 sena l-*Maximum Pensionable Income* tiġi riformata;

9 L-*Indexation* tal-Pensjonijiet. Għandu jkun hemm indexation aħjar tal-pensjonijiet fejn tkun inkluża r-rata tal-inflazzjoni flimkien mal-COLA għall-pensjonanti kollha. Fil-każ tal-pensjonanti qed ikun issuġġerit li għandu jkun hemm basket ta' oġġetti, servizzi, kera u spejjeż mediċi kif ukoll ħtiġiet bażiċi oħrajn li jiddeterminaw id-dħul li pensjonant għandu jkollu sabiex igawdi ħajja diċenti wara li jirtira mix-xogħol. Din hija t-triq 'il quddiem sabiex jittaffa t-tnaqqir fl-intitolament tal-pensjoni u jissaħħaħ l-infiq ta' eluf ta' pensjonanti li qed jesperjenzaw il-faqar u r-riskju tal-faqar hekk kif ikunu qed jikbru;

10 Il-Pensjoni tas-Servizz. Bħala regola ġenerali pensjoni tas-servizz, partikularment dik imħallsa taħt l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Pensjoni tat-Teżor) hi maqsuma f'żewġ partijiet – il-kommutata u dik mhux kommutata. Skont Sezzjoni 56 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, pensjoni tas-servizz hija mnaqqsa mill-Pensjoni taż-Żewġ Terzi. Bħalissa l-ammont ta' €2,466 mhux kunsidrat għal tnaqqis mill-pensjoni taż-żewġ terzi. Madankollu, 75 fil-mija tal-parti kommutata tiġi mneħħija meta l-pensjonant jagħlaq 72 sena. Fil-*budget* li jmiss huwa mistenni li l-25 fil-mija li jifdal tiġi mnaqqsa u b'hekk il-parti kommutata tal-pensjoni tas-servizz ma tibqax tiġi kunsidrata għal skop ta' tnaqqis meta l-pensjonanti jagħlqu 72 sena;

11 Bħalissa l-ekwivalenti ta' 60 fil-mija tal-*Equivalized Median Income* huwa kunsidrat bħala parametru. Jekk tkun stabbilita l-pensjoni minima b'mod xjentifiku din tkun kunsidrata bħala sigurtà finanzjarja għal min għandu dħul baxx;

12 Huwa importanti li tkun indirizzata d-diskriminazzjoni fl-età li teżisti bejn pensjonanti li twieldu fl-1 ta' Jannar 1962 u wara (Kategorija A), u oħrajn li twieldu fil-31 ta' Diċembru 1961 u qabel (Kategorija B).



16

# Familja

1 Ġenitur ta' persuni bi bżonnijiet speċjali li ma jkunx jista' jaħdem minħabba li jrid jieħu ħsieb lit-tifel/tifla, ikun intitlolat li jieħu l-pensjoni sħiħa. F'każ li tfal bi bżonnijiet speċjali jkunu indipendenti, dawn il-ġenituri jkunu eżentati mill-bolla għal 10 snin;

2 Il-*leave* ta' emerġenza jiżdied minn 16-il siegħa għal 32 siegħa;

3 Ġenituri waħidhom li ma jingħatawx manteniment ikunu intitolati għaċ-*Children's Allowance* b'mod sħiħ avolja jaqbżu d-dħul;

4 Tiġi ddedikata ġurnata f'kull post ta' xogħol fejn matulha jkun hemm *wellbeing sessions/workshops* għall-ħaddiema biex ikun hemm iktar għarfien dwar is-saħħa mentali u l-prevenzjoni ta' mard mentali;

5 Ħidma ħolistika dwar il-qasam residenzjali u l-bżonn ta' aktar *placements* tat-tfal li jkunu nħarġu mill-familja bijoloġika tagħhom.





# 17

# Persuni b'diżabbiltà

1. Jiġi mtejjeb il-kriterju għal min irid jixtri karozza jew vann modifikat li jkun jista' jgħabbi siġġu tar-roti. Dan biex ikunu jistgħu jsiru applikazzjonijiet għal eżenzjoni mit-taxxa;

2. Ikun hawn residenzi għal persuni bi bżonnijiet speċjali li jservu bħala *shelter* u jkunu mgħammra b'apparat tas-sigurtà. Tali residenzi jkunu addattati għal klijenti li ma jkunux indipendenti biżżejjed sabiex jgħixu waħidhom fil-komunità;

3. Ikun hawn *training department*, li jkun jinkludi professjonisti bħal tobba u għalliema, biex jgħallem u jappoġġja lill-ġenituri ta' persuni b'diżabbiltà;

4. Isir investiment f'Akkademja tal-Arti għal kulħadd u li tkun aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà. Dan iċ-ċentru jista' jibdel l-Iskola tal-Arti li tinsab fi Triq l-Ifran, il-Belt;

5. Bħalma sar fis-snin li għaddew fejn infetħu numru ta' djar tal-anzjani, għandu jsir l-istess u jinbnew aktar djar għal persuni b'diżabbiltà. Id-Dar tal-Providenza għandha lista ta' stennija twila ta' persuni bi bżonnijiet speċjali li huma miktubin mill-ġenituri jew min jieħu ħsiebhom u qed jistennew biex jidħlu u jgħixu f'din id-Dar. Ġenituri ta' persuni b'diżabbiltà wkoll kitbu lil uliedhom fi djar fil-komunità bħal Dar Pirotta f'B'Kara. Imma dawn id-djar mhumiex biżżejjed. Jeħtieġ li l-Gvern, fi żmien stipulat, jinvesti f'dar kbira oħra bħar-Residenza San Vinċenz biex il-ġenituri jserrħu rashom li uliedhom bi bżonnijiet speċjali jkollhom min jieħu ħsiebhom wara li jħallu din id-dinja.





# 18

# Ambjent

1 Aktar inizjattivi mill-Gvern biex jindirizza l-iskart ġenerat mill-plastik. Inċentiv ekonomiku li jista' jiġi mħaddem hu dak fejn meta l-konsumatur jixtri xi kontenitur tal-plastik, iħallas miżata bħala depożitu li tiġi mħallsa lura malli l-flixkun jiġi ritornat. B'dan l-inċentiv ikun hemm inqas fliexken tal-plastik li jintremew barra. Barra minn hekk għandha wkoll tissokta l-prattika li l-konsumatur iħallas għall-basktijiet tal-plastik meta jixtri mill-ħwienet;

2 Jiġi regolat is-settur tal-kostruzzjoni biex ma jintilfux il-karatteristiċi tal-irħula (pjanar urban);

3 Jingħata *allowance* f'forma ta' *petrol voucher* għal dawk is-sewwieqa li jkollhom iktar minn tliet persuni fil-karozza tagħhom għat-traġitt lejn il-post tax-xogħol (*car pooling*). B'hekk ikun jista' jonqos in-numru ta' karozzi fit-toroq u jonqos ukoll it-tniġġis;

4 Skart domestiku. Minbarra li jinġabar l-iskart fil-ħin skedat skont il-kunsilli lokali bis-servizz tal-*iscammell*, din il-*union* qed tipproponi li f'kull belt u raħal ikun hemm *bring-in-sites* taħt l-art fejn jista' jintefa' ż-żibel skont il-materjal.  Din il-proposta tinċentiva liċ-ċittadin biex jarmi l-iskart tiegħu fil-kumdità tiegħu u fl-istess waqt l-iskart ma jagħtix fil-għajn.





# 19

# Mediċini

Dawk il-pensjonanti li jkollhom bżonn mediċini mill-POYC, imma l-mediċina li tingħata mill-POYC ma tkunx taqbel magħhom, jingħataw *voucher* li jista' jissarraf fi spiżeriji privati għal mediċini ta' dik il-kundizzjoni speċifika.





# 20

# Saħħa

1. Strateġija Nazzjonali dwar il-prevenzjoni fuq abbuż ta' sustanzi b'enfasi partikulari fuq il-prevenzjoni;

2. Studju ħolistiku rigward l-użu tas-sustanzi u drogi oħrajn sabiex ikollna stampa iktar ċara tas-sitwazzjoni;

3. Infurzar strett rigward is-sorveljanza dwar l-alkoħol u s-sewqan. Il-flus li jinġabru mill-pieni jiġu investiti fis-servizzi tal-kura;

4. Studju dwar l-adekwatezza ta' etajiet legali u nuqqasijiet fil-liġijiet. Bħalissa l-età għall-konsum tal-alkoħol hija minn 17-il sena, il-kunsens sesswali minn 16-il sena, il-konsum tas-sigaretti minn 18-il sena, il-logħob tal-azzard minn 18-il sena, u s-sewqan minn 18-il sena;

5. Jinbena, fi żmien stipulat, sptar ġdid b'faċilitajiet mill-aktar moderni għall-kura mentali;

6. Inċentivi sabiex ħaddiema fil-qasam tas-saħħa jispeċjalizzaw sabiex itejbu l-karriera tagħhom.





# 21

# Sport

1 Aktar inċentivi fl-użu ta' riżorsi għat-taħriġ għal dawk l-adulti li jipprattikaw xi sport fuq livell semi-professjonali u għajnuna lil min jitħarreġ f'xi dixxiplina sportiva barra minn Malta;

2 Inċentiv sabiex ħaddiema jingħataw *paid leave* addizzjonali ħalli jieħdu sehem fi sport organizzat ma' klabb reġistrat, eċċ.



Noti



VOICE OF THE WORKERS

Budget 2020


2590 5000

info@uhm.org.mt

UHM, St.Thomas Street, Floriana


www.uhm.org.mt